MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 499/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Randolph Azzopardi**
**Salvu Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Randolph Azzopardi ta’ 23 sena, iben George u Theresa nee’ Buttigieg, imwieled il-Pieta’ fit-30 ta’ Novembru 1982 u residenti Flat 9 Archbishop Gonzi Apartments Mountbatten Street, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0641082(M) u l-imputat Salvu Vella ta’ 26 sena, iben Michael u Maria Antoinette nee’ Buttigieg, imwieled Attard fit-30 ta’ Ottubru 1979 u residenti ‘Vella’, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0517179(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Randolph Azzopardi akkuzat talli fit-3 ta’ Marzu, 2006 ghall-habta tad-9:15 a.m. fil-Hamrun, ingurja jew hedded bil-kliem lill-‘Warden’ Salvu Vella, persuna mahtura skond il-Ligi sabiex jamministra xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxi xi dmir iehor pubbliku impost mil-Ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll ix-xorta l-wahda u l-ohra, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti ;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija f’dan il-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni ; dan bi ksur tal-Artiklu 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

4. Fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq mutur bin-numru tar-registrazzjoni JET-032 liema hsara teccedi Lm50 izda mhux iktar minn Lm500 ghad-dannu ta’ ‘Guard and Warden Service’.

Salvu Vella akkuzat talli fit-3 ta’ Marzu, 2006 ghall-habta tad-9.15 am fil-Hamrun b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku, ghamel hsara fuq il-vettura HAJ-561 tal-marka Ford Fiesta ghad-detriment ta’ Sur Randolph Azzopardi liema hsara hi valutata li teccedi Lm50 izda hi anqas minn Lm500.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Mejju 2006 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2009 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz

taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati rrangaw il-pendenzi ta' bejniethom u rrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfronti ta' xulxin.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 u 338 (bb) u 95 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputati hatja tal-ewwel(1), it-tielet(3), r-raba'(4) u l-hames(5) akkuza miguba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena(1) millum.

Il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taz-zewg imputati u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------